MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 242/2011

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-7 ta' Dicembru 1996 u sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tas-7 ta' Awissu, 2008 (in atti Not. Andre Farrugia) - Dok A;
2. Illi l-partjiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal mill-iktar minn erbgha snin, kif ser jigi ippruvat ampjament fil-mori tar-rikors odjern;

3. Illi l-partijiet ddekadew ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u l-partijiet ma kellhomx tfal;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66D(2) tal-Kodici Civili nostran;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti tixhed;

L-intimat debitament notifikat la ipprezenta risposta u lanqas deher ghal dawn il-proceduri;

Semghet lil Edwin Saliba jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi mill-provi prodotti irrizulta illi minkejja il-fatt illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' Awissu 2008, huma kienu ilhom jghixu separatament minn xulxin sa mill-1 ta' Mejju 2005. Illi din ix-xhieda ta' l-attrici giet ikkonfermata ukoll mix-xhieda illi ta missier l-attrici Edwin Saliba;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u peress illi irrizulta illi l-partijiet ghexu mhux flimkien ghal aktar minn erba' snin qabel ma gie ipprezentat ir-rikors odjern, gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni iddekadew ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u illi miz-zwieg taghhom ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------